MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 17/2011

**Joseph Said**
**vs**

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Joseph Said tas-27 ta' Gunju 2011 mid-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Gunju 2011 fejn cahad it-talba ghar-revoka tal-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq 893/99;

Rat ir-risposta tal-Awtorita li ssottomettiet li d-decizjoni tat-Tribunal ghandha tigi konfermata u l-appell michud;

Rat l-atti kollha, in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Awtorita u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:
Ikkunsidra:-

Dan l-appell jirreferi ghall-Avviz biex Tieqaf u ta' Twettieq ECF 893/99 indirizzat lil Joseph Said, 8, Triq ix-Xlendi, Munxar lilu notifikat fit-23 ta' Novembru 1999.

L-Avviz igib id-data tad-29 ta' Ottubru 1999.

Skond l-Avviz, f'La Grotta Night Club, Triq Xlendi, Munxar kien hemm ksur ta' kontroll ta' ippjanar li gie hekk deskritt :-

"Ghandek zvilupp minghajr permess li jikkonsisti f'bini ta' strutturi f'diversi livelli li jinkludu pizzerija, stores, bars, toilets, terrazzini/turgien u kmamar ghall-abitazzjoni li jinsabu minn l-entrata sal-livell t'isfel tal-wied, mat-tul kollu tal-kumpless La Grotta.

Fl-appell tieghu l-Perit Emanuel Vella ssottometta:-

1. in-nullita tal-avviz stante l-legittimita' (recte illegittimita') tal-persuni notifikati bl-Avviz;
2. in-nullita tal-Avviz billi l-izvilupp kontestat ma giex sufficjentment specifikat;
3. li l-istrutturi kollha ilhom jezistu minn qabel l-PAPB u l-Planning Authority u gew issanati bil-permess tal-20 ta' Ottubru 1995;
4. li l-Planning Authority mhix s-successur tal-PAPB u ghalhekk l-kwistjoni mhiex fil-kompetenza tal-Awtorita' tal-Ippjanar.

Fir-risposta tieghu l-Avukat Dr. Paul Micallef ghall-Awtorita' ecepixxa s-segwenti:-

1. Preliminarjament n-nullita' tal-Appell li hu appell kongjuntiv ara decizjoni tal-Bord tas-27 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Richard Micallef vs Planning Authority
2. In-nullita tal-Appell billi mhux car min qed jappela – rekwisit essenzjali ghal validita' tal-Appell

3. Li quddiem l-enforcement officers Mark Cini u Joseph Cassar wiehed mill-appellanti ammetta li hu l-propjetarju tas-sit in kwistjoni
4. Li fid-data tal-hrug tal-Avviz fuq is-sit kien hemm l-izvilupp indikat fl-istess avviz.
5. Li l-Avviz hu sufficjentement car fl-indikazzjoni tal-izvilupp kontestat.

Ikkunsidra ulterjorment:-

L-appell tal-Perit Emanuel Vella, jirrizulta li gie pprezentat fis-6 ta' Dicembru 1999; u jirreferi ghall-enforcement notice ECF 893/99 u l-post gie indikat bhala La Grotta Night Club, Triq ix-Xlendi, Munxar, Gozo.

Fl-appell ma hemm assolutament l-ebda indikazzjoni min qed jappella mill-Avviz.

Mal-appell gie anness l-Avviz indirizzat lil Joseph Said – u fuqu hemm notament li dan gie notifikat personalment fit-23 ta' Novembru 1999 fil-prezenza tas-Senior Enforcement Officer Mark Cini.

Id-dettalji tal-applikant fil-formula tal-pagament li jsir fil-bank gew indikati bhala "George and Joseph Said on behalf of La Grotta Co. Ltd.''

Dawn l-inkonsistenzi jikkrejaw disgwid li jirrikjedi kjarifika. L-akbar ekwivoku jirreferi ghad-determinazzjoni tal-appellant. L-Avviz anness ma' l-appell hu dak indirizzat lil Joseph Said personalment; il-formola tal-hlas il-bank issemmi lil "George u Joseph Said obo La Grotta Co. Ltd'' – l-appell tal-Perit ma jsemmix min hu l-appellant.

Ghalkemm l-hlas fil-bank hu rekwisit ghall-appell – d-dettalji hemm indikati, bhala "applicant's name'' mhux "appellant's name" – m'humiex determinati.

Dak li jiddetermina hu l-appellant indikat fl-appell – tal-Perit jew tal-avukat tal-appellant, skond il-kas.

Apparti dan, ma kienx possibli fil-25 ta’ Novembru 1999 – li jsir appell ghas-Socjeta’ ‘La Grotta Co. Ltd.’ billi l-avvizi lid-diretturi tas-Socjeta’ f’dik il-kapacita’ igibu d-data tas-16 ta’ Dicembru 1999, debitament notifikati fis-17 ta’ Dicembru 1999.

Ghalhekk ghalkemm fl-Appell ma jissemmiex min hu l-appellant u billi gie anness mieghu l-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq indirizzat lil Joseph Said – dan l-appell hu l-appell mill-Avviz ECF 893/99 minn Joseph Said personalment.

L-Artiklu 15(1) (a) tal-Kap. 356 jaghti d-dritt ta’ appell lil kull persuna li ihossha aggravata minn decizjoni tal-Awtorita’ dwar kull kwistjoni ta’ Kontroll tal-Izvilupp inkluz l-infurzar ta’ tali kontroll. L-Artiklu 41 tal-Att X tal-2010 Kap. 504 li jaghti l-istess dritt ta’ appell, dahal fis-sehh fil-31 ta’ Dicembru 2010 bl-Avviz Legali 511 tal-2010.

Skond l-Artiklu 52(9) tal-Kap. 356 :-

“kull persuna li thossha aggravata b’avviz ta’ Twettieq notifikat lilha tista’, fi zmien hmistax-il gurnata min-notifika tal-Avviz, tappella kontra tieghu lill-Bord tal-Appell’’. Dan l-Artiklu thassar b’effett mill-31 ta’ Dicembru 2010 Avviz Legali 512 tal-2010 u gie sostitwit bl-Artiklu 86(12) tal-Att X tal-2010 Kap. 504 li dahal fis-sehh fl-istess gurnata – Avviz Legali 511 tal-2010.

L-Artikli tal-Ligi citati supra, ma jhallu l-ebda dubbju li d-dettalji partikolari ghall-appellant, huma rekwisiti essenzjali. F’appelli minn avvizi simili jinhtieg li jirrizulta mill-istess appell, min qed jappella u f’kas ta’ socjeta’ jekk dan hux qed jappella fil-vesti tieghu personali, jew jekk hux jappella ghan-nom tas-Socjeta’.

Fil-kas in ezami, ma irrizultax min qed jappella mill-Avviz biex Tieqaf u ta’ Twettieq.

It-Tribunal, ghalhekk qed jiddisponi minn dan l-appell, billi jichad l-istess u jilqa’ l-eccezzjoni ta’ nullita’ eccepita mill-Awtorita’ u konsegwentement jiddikjra l-appell null, billi ma

jirrizultax mill-istess appell, min qed jappella mill-avviz kontestat.

**Ikkunsidrat**

L-aggravji tal-appellant huma s-segwenti:
1. It-Tribunal interpreta hazin l-artikolu 86(12) billi dan l-artikolu ma jindikax id-dettalji partikolari tal-appellant bhala rekwizit essenzjali ghall-appell. In ogni kaz l-identita tieghu kienet ben maghrufa tant li l-Bord fid-decizjoni tas-27 ta’ Settembru 2006 u tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta’ Gunju 2007 ma kellhomx problema li jindividwawh. In oltre fil-kors tal-proceduri gew prezentati diversi dokumenti li indikaw b’mod car lill-esponenti u in oltre mill-appell quddiem il-Bord gie pprezentat l-avviz.
2. It-Tribunal naqas li jaghti smigh xieraq meta ppermetta lil Awtorita tipprezenta dokumenti wara tmiem il-provi minghajr mal-appellant inghata opportunita biex jezaminahom u jirribattihom;
3. It-Tribunal naqas li jaghmel indagini approfondata tenut kont li hawn si tratta ta’ enforcement order;
4. Id-decizjoni hi nulla ghax ma gewx elenkati l-provvedimenti tal-ligi, regolamenti jew policies applikabbli;
5. Id-decizjoni tat-Tribunal kienet zbaljata meta kkondluda li l-avviz kien sufficjentement specifku.

Il-Qorti tikkunsidra kwistjonijiet ta’ dritt li gew dibattuti u decizi mit-Tribunal. F’dan il-kaz id-decizjoni tat-Tribunal ittrattat specifikament l-eccezzjoni tal-Awtorita dwar in-nullita tal-appell billi ma jirrizultax min appella quddiem it-Tribunal.

Jirrizulta lit-Tribunal illi bl-avviz gie indirizzat Joseph Said ta’ 8 Triq ix-Xlendi, Munxar, rigward ksur ta’ kontroll ta’ ippjanar f’La Grotta Nightclub, Triq Xlendi, Munxar, u dan ai termini tal-artikolu 51 u 52 tal-Att 1 tal-1992. Fil-fatt l-avviz gie notifikat personalment lil Joseph Said.

Il-kwistjoni li qamet quddiem it-Tribunal kienet wahda ta’ natura preliminari li jekk fondata tirrendi l-appell inammissibbli u kwindi null ab initio.

Gie eccepit illi ma rrizultax bl-ebda mod car minipprezenta l-appell quddiem it-Tribunal skond il-ligi u dan hu punt ta' procedura li mhux sanabbli.

Hu pacifiku illi Joseph Said personalment, ghax hekk gie indirizzat bl-enforcement notice, kellu kull dritt jappella skond il-ligi u fit-terminu preskritt minn dan l-avviz. L-atti juru illi l-hlas ghall-appell sar minn George u Joseph Said f'isem La Grotta Company Limited qua applikanti skond l-istess formula ta' hlas filwaqt li l-ittra tal-appell datata 25 ta' Novembru 1999 u ricevuta mil-Bord tal-Appell fis-6 ta' Dicembru 1999 giet iffirmata mill-Perit Emanuel Vella minghajr ma tirreferi bl-ebda mod f'isem min qed isir l-appell, ghalkemm ma' dan l-appell gie prezentat l-avviz indirizzat lil Joseph Said.

It-Tribunal ikkonsidra l-aspett legali u l-konsegwenzi guridici li jemanaw minn dawn il-fatti u wasal ghal konkluzzjoni li ma rrizultax min ghamel l-appell quddiem il-Bord kif sostitwit mit-Tribunal skond il-ligi u ghalhekk billi dan hu rekwizit essenzjali ghas-smigh tal-appell, annulla l-appell.

Dan kien l-uniku punt ta' dritt determinat mit-Tribunal u dan seta' jikkostitwixxi biss il-bazi tal-appell quddiem din il-Qorti minn Joseph Said.

Din il-Qorti tqis illi d-decizjoni tat-Tribunal ma indirizzatx sew il-problema legali. Fl-ewwel lok l-artikolu 86(12) tal-Kap. 504 gia 52(9) tal-Kap. 356 ma tghidx li l-persuna kolpita bl-avviz tista' tappella izda tghid "kull persuna li thoss ruhha aggravata" tista' tappella. Kwindi l-ligi stess qed tiftah id-dritt tal-appell basta ovvjament irid juri interess guridiku biex jappella.

Fit-tieni lok ghalkemm il-hlas tal-appell sar min George u Joseph Said f'isem La Grotta Company Limited ma jfissirx li l-appell qed isir f'isem il-kumpanija ghaliex il-hlas ta' dak dovut jista jsir f'isem terz. Ghalkemm l-appell quddiem il-Bord ma jsemmix l-isem l-appellant pero mieghu gie anness l-avviz indirizzat lil Joseph Said personalment. Qari tal-ewwel aggravju tal-appel hu indikattiv li min qed

jappella qed jallega l-illegitimita fil-konfort tal-appellant cioe min irceva l-avviz. Dawn il-fatti mehudin kollha flimkien u tenut kont tan-notifika tal-istess avviz lil George Said u lil kumpanija li taghha George u Joseph Said huma diretturi, kienu indikattivi bizzejjed li l-appell kien qed isir f’isem Joseph Said.

Ghalkemm kien ikun mixtieq li l-appell isir b’mod iktar car, pero dan l-att ghalkemm hu importanti u essenzjali biex jissalvagwarda drittijiet tal-appellant mhux marbut b’dik is-solennita formali ta’ att gudizjarju tant li jitressaq b’mod informali mhux necessarjament minn persuna versata fil-finezzi legali.

B’danakollu l-appellant ghandu jigi dezunt mill-atti stess u sta ghal Bord li fin-nuqqas ta’ kjarezza jindirizza l-problema hu. F’dan il-kaz l-ewwel atti tal-Bord dahlu lil partijiet stess f’konfuzjoni fejn indirizza lill-appellanti bhala Joseph u George Said f’isem La Grotta Company Limited (ara ittra 10 ta’ Dicembru 1999). Din il-konfuzjoni sehhet ghax bl-istess avviz gew notifikati d-diretturi personalment u d-diretturi f’isem il-kumpanija u saru tlett appelli, liema appelli fl-ewwel seduti stess bdew jinstemghu flimkien, u l-okkju tal-appelli dejjem baqa’ jinbidel anki fl-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell tas-27 ta’ Settembru 2006 ghalkemm jidher car illi Joseph Said dejjem tqis bhala appellant f’dawn il-proceduri.

Dawn in-nuqqasijiet procedurali huma sfortunati u spjacevoli pero ebda parti ma ghandha tivvantaggja ruhha minnhom meta kien car ghal kulhadd li kien hemm tlett appelli qed jinstemghu kontestwalment.

Hu car ghal Qorti li f’cirkostanzi ohra l-Qorti ma kinitx tindahal fl-interpretazzjoni tat-Tribunal dwar artikolu tal-ligi pero f’dan il-kaz il-Qorti tqis illi l-artikolu 86(12) gie applikat b’mod errat ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz fejn il-fatti urew illi kull parti kolpita mill-avviz ta’ waqfien u twettieq appellat mill-avviz u illi l-mertu kien wiehed ghall-persuni kollha involuti. Is-sanzjoni tat-Tribunal f’dan il-kaz kienet wahda eccessiva u mhux fl-ispirtu tal-ligi.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tilqa' l-appell, tannulla d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-9 ta' Gunju 2011 u tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal biex jiddeciedi l-appell skond il-ligi. Spejjez ghall-Awtorita.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------